Minuti tas-sittax il-laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali t'Għajnsielem li nżammet nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2009 fil-5 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Merċieċa | Viċi Sindku |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Ċaruana | Kunsillier |
| | Joe Ċamilleri | Kunsillier |
| | Anton Żammit | a/Segretarju Eżekuttiv |

Talba

Is-Sindku qal it-talba.

Il-Management ta' Banif Bank

Peress li dan il-management talab appuntament ma dan il-Kunsill, il-membri preżenti qablu li jkun hemm tibdil fl-aġenda billi l-laqgħa tieħu l-preċidenza fuq il-korrispondenza. Ma kienx hemm ebda oġġeżżjoni. Is-Sindku ntroduċa lis-Sinjorina Rebecca Debono, waħda mill-management, biex tagħti tagħrif fuq servizzi offruti mill-Bank. Din fissret l-għanijiet ta' dan il-bank u vantaġġi li wieħed jista jikseb meta jinvesti fih. Joe Camilleri spiega li fil-passat kien hawn servizz bankarju f'din il-lokalita' ta' darbtejn fil-ġimgħa u kien waqaf ħesrem b'detriment għar-residenti. Is-Sindku qal li Għajnsielem kiber fil-popolazzjoni u bir-ritmu li qabad fi żmien ftit snin oħra ser jaqbeż lir-raħal tax-Xewkija. Għalhekk hu ħeġġeġ lir-rappreżentant tal-Banif Bank li jekk ikellhom il-ħsieb li jiftħu fergħa oħra f'Għawdex, ir-raħal t'Għajnsielem kien idejali għal dan għaliex għandu potenŻi kummerċjali bħal proġett ta' Ċhambray, il-lukanda Grand, il-port ta' l-Imġarr, iċ-Ċentru ta' l-Arti, u lokalitajiet oħra konnessi mat-turiŻmu. Hu xieraq, li dan il-bank jagħti widen għat-talba ta' dan il-Kunsill u jibda' jagħti servizz f'dan ir-raħal. Ms. Debono ser tressaq dan l-ilment lis-superjuri tagħha.

Korrispondenza.

Is-Segretarju qara l-korrispondenza li waslet fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

a. Ingħata tagħrif mid-dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sehem ta' dan il-Kunsill mill-fond ta' l-Energy Saving Sċheme.
b. Il-preżenti nnominaw lis-Sindku biex jiffirma l-Covenant of Mayors.
ċ. Waslet stedina biex il-Kunsill jattendi għal-leċuture ad unur il-fundatur tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex – il-mejjet Dr. Anton Tabone.
d. Il-Kunsillieri ġew mistiedna jattendu għal-laqgħa ma rappreżentanti tal-MEUSAC ix-xahar id-dieħel fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
e. Il-preżenti approvaw applikazzjonijiet sottomessi mill-MEPA għat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet quddiem il-kwienet u restoranti fi Triq ix-Xatt.
f. Il-preżenti oġġezzjonaw mad-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar bini u okkupazzjoni ta' art pubblika fi Triq Sant'Eliju.

g. Is-Sindku informa lill sħabu bil-laqgħa li s-Sindki Għawdxin flimkien mal-Local Action Group kellhom mas-Sur Thomas Heindi dwar il-programm LEADER.

h. Il-Kunsill irċieva Informazzjoni mingħand il-MEPA dwar fondi miġbura minnha għan-nom ta' l-istess Kunsill:

| | |
|---|---|
| Urban Improvement fund | 126,415 euro |
| Environment in initiative | |
| Partnership Programme | 123,172 euro |

i. Il-Kunsill gie infurmat ukoll mingħand il-MEPA li l-permess għal bini ta' Ċentru Ċiviku f'din il-lokalita' ġie approvat.

j. Saret diskussjoni dwar il-proġett ta' Passi fejn is-Sindku informa lil-sħabu li x-xogħol fuq dan il-proġett miexi b'rittmu mgħaġġel tant li l-ġimgħa d-dieħla, is-Sindku u l-perit tal-Kunsill għandhom appuntament ma' perit tal-MEPA fuq is-suġġett.

Tisqija ta' soft areas

Is-Segretarju ppreżenta fuq il-mejda l-unika offerta li waslet fil-ħin għat-tisqija lis-soft areas matul is-sajf. Din l-offerta ser tiġi studjata qabel ma tingħata l-approvazzjoni tal-Kunsill. Offerta oħra li waslet tard ġiet injorata.

Il-Bajja tax-Xatt l-Ahmar

Is-Sur Larry Buttigieg saqsa x'possibbilita' hemm li l-bajja tax-Xatt l-aħmar tingħata facelift. Is-Sindku wieġeb li t-tiriq li tagħti għal-bajja qed titranġa mill-Ministeru għal-Għawdex. Fil-bajja hemm il-beaċh ċleaners ukoll li qed jiehdu ħsieb it-tindif u l-twaħħil ta' aċċessorji għall-għawwiema. Xogħlijiet oħra fuq it-triq prinċipali ma jistgħux isiru qabel ma tiġi solvuta kawża pendenti quddiem il-Qorti. Ikun għaqli, kompla s-Sindku, li qabel nagħtu bidu għal-xogħlijiet oħra fuq it-triq prinċipali, nitolbu l-veduti tal-MEPA.

Mozzjonijiet

Il-Kunsill approva t-twahhil ta' *bus stop* fi Triq il-Gnien kif indikat fuq pjanta li ser tiġi sottomessa lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku.

Materji oħra.

Il-preżenti qablu ma dawn il-materji li tressqu mill-istess kusillieri preŻenti;

i. Tħaffir għal grada għall-ilma tax-xita fi Triq il-Ħamri ghal benefiċċju tal-bdiewa ta' dik l-area.

ii. It-tindif tat-triq ta' quddiem il-Heritage mit-trab u żrar li akkumula matul l-istaġun tax-xitwa.

iii. Is-Sur Ċamilleri reġa nsista li l-laqgħat isiru kull tliet ġimgħat. Is-Sindku wieġeb li dan isir meta tinħass il-ħtieġa.

iv Dan ukoll saqsa meta ser titwaħħal it-tabella bl-isem ta' triq ġdida ħdejn il-kunvent ta' Sant'Antnin. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol jitwettaq appena l-isem tat-triq jidher fil-gażżetta tal-Gvern.

v Dwar is-sinjali tat-traffiku ġodda sollevati mis-Sur Camilleri fit-toroq il-Qighan u l-Imrejżbiet sar magħruf li dawn ġa saru, jonqos biss tabella waħda li ser teħel appena l-kuntrattur ikun f'din il-lokalita'.

vi Mistoqsija tas-Sur Camilleri dwar il-website tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill huwa obbligat biex juża l-website ta' l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li hija miftuħa għall-Kunsill Lokali kollha. Fil-fatt ġa hemm materjal interessanti dwar din il-lokalita'. Dalwaqt jibdew jidhru l-agendi u l-minuti tal-laghqat tal-Kunsill fuq din il-website.din il-laqgħa.

vii Dwar talba tas-sur Larry Buttigieg biex teħel bozza oħra fi Triq Cordina, s-Sindku rrisponda li din il-materja ġa ġiet diskussa fil-laqgħat preċidenti u ngħatat tweġiba, pero' hu xorta ser jinforma lill engineer ta' l-Enemalta dwar din it-talba.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2009.

| | |
|---|---|
| Frančis Cauchi | Anton Żammit |
| Sindku | a/Segretarju Eżekuttiv |